LOMBARD

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**Lombard Bank Malta p.l.c. – Laqgħa Annwali Ġenerali 2013**

Il-Ħamis 25 ta' April 2013, l-azzjonisti ta' Lombard Bank Malta p.l.c. iltaqgħu fl-*Exchange Buildings,* il-Belt Valletta, għall-Laqgħa Ġenerali Annwali. Matul il-laqgħa gew ippreżentati u approvati r-riżultati tal-Lombard Bank Group għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012.

Iċ-*Chairman*, Christian Lemmerich, indirizza lill-azzjonisti u spjega li l-Bord u l-*Management* tal-Bank ikkunsidraw il-prestazzjoni tal-Grupp bħala waħda soddisfaċenti. Kompla jispjega li l-Bank kompla miexi bl-istrateġija li jżomm bażi kapitali b'saħħtu u livell għoli ta' likwidita', filwaqt li jibqa' kawt kemm fis-self kif ukoll fl-operat tat-*Treasury*. *Return on Equity* ta' 7.5% wara li tnaqset it-taxxa, kien meqjus soddisfaċenti, iktar u iktar fi klima ta' nuqqas sinjifikanti tal-imgħaxx.

Meta wieħed iqis il-klima ekonomika u l-inċertezza fil-kummerċ in ġenerali, il-Grupp mar tajjeb bi profitti qabel it-taxxa ta' €9.4 miljun. *Shareholders' Funds* żdiedu bi 3.5% filwaqt li *Total Assets* tal-Grupp kienu €575 miljun.

Is-sisien finanzjarji sodi tal-Grupp kienu kkonfermati bil-*Capital Adequacy Ratio* tal-Bank ta' 19%,'il fuq sewwa mit-8% mitlub minn Basel II. *Loan to Deposit Ratio* kien miżmum f'limiti prudenti u, fl-aħħar tas-sena finanzjarja, kien ta' 69%.

Din kienet l-aħħar laqgħa ġenerali li ndirizza Mr Lemmerich li ma fittix li jerġa' jkun elett wara li serva bħala *chairman* ta' Lombard Bank għal 14-il sena sħaħ. Matul il-Laqgħa Ġenerali Annwali ittieħed vot unanimu ta' ringrazzjament lil Mr Lemmerich għall-impenn u d-dedikazzjoni li wera' lejn il-Bank. Is-suċċessur tiegħu se jkun Michael C. Bonello, ex-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

Ir-reżoluzzjonijiet l-oħra mressqin għall-Laqgħa, fosthom id-dikjarazzjoni ta' Dividend Gross finali ta' €0.12 għal kull sehem, li jfisser distribuzzjoni totali ta' €4.3 miljun, kif ukoll il-ħruġ ta' *bonus share* wieħed għal kull għaxra lill-azzjonisti li jkunu jidhru fuq ir-Reġistru tal-Kumpanija fis-27 ta' Mejju 2013, ġew addottati.

Il-Bord tad-Diretturi tal-Bank huwa magħmul minn Sophoklis Argyrou, Michael C. Bonello (Chairman), Graham A. Fairclough, Kimon Palamidis, Joseph Said, Christos Stylianides u Michael Zammit.

25 ta' April 2013